K.L.B.L. 31/9/2005

ATT DWAR KUNSILLI LOKALI
(KAP. 363)

Bye-Laws ta' l-2005 dwar Reklami fuq Għamara tat-Toroq (Kunsill Lokali Kirkop)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 34, 35(8), 36 u 60 ta' l-Att dwar Kunsilli Lokali, il-Kunsill Lokali Kirkop għamel il-*Bye-Laws* li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1.1 It-titolu ta' dawn il-*Bye-Laws* hu *Bye-Laws* ta' l-2005 dwar Reklami fuq Għamara tat-Toroq (Kunsill Lokali Kirkop).

1.2 Dawn il-*Bye-Laws* għandhom jibdew iseħħu xahar wara l-pubblikazzjoni tagħhom fil-Gazzetta.

Tifsir.

2. F'dawn il-*Bye-Laws* kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra:–

"applikant" tfisser dik il-persuna li tapplika lill-Kunsill skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' dawn il-*Bye-Laws;*

"Att" tfisser l-Att dwar Kunsilli Lokali;

"għamara tat-toroq" tfisser kull ħaġa, mobbli jew immobbli, li tkun proprjetà tal-Kunsill jew taħt ir-responsabbilità tiegħu li għalkemm ma tkunx parti essenzjali minn triq, bankina, ġnien jew post ieħor pubbliku, tkun imdaħħla ġo post bħal dak jew imwaħħla miegħu jew imqiegħda ġo post bħal dak jew imqiegħda fuqu u tinkludi laned taż-żibel, bankijiet, arbli, qsari, ċnut, ħitan, balavostri, kolonni, *roundabouts, central strips, traffic islands* u kull proprjetà oħra li tiġi inkluża mill-Kunsill b'riżoluzzjoni;

"il-Kunsill" tfisser il-Kunsill Lokali Kirkop;

"kuntrattur" tfisser dik il-persuna li tkun awtorizzata mill-Kunsill li tesebixxi, twaħħal jew tqiegħed xi reklam fuq għamara tat-toroq skond id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 3 ta' dawn il-*Bye-Laws;*

"persuna" tfisser kull individwu, kull entità kummerċjali u non-kummerċjali, entità tal-Gvern, għaqdiet volontarji u mhumiex;

"reklam" tfisser kull *board*, tabella, plakka, kartellun, avviż, jew xi mezz magħmula, esebita, imwaħħla jew imqiegħda f'xi post pubbliku fil-konfini tal-lokalità ta' Kirkop li tkun maħsuba għall-fini ta' reklam jew pubbliċità jew sabiex tgħaddi avviż, tagħrif jew messaġġ lill-pubbliku.

Awtorizzazzjoni għal reklamar fuq għamara tat-toroq.

3.1 Bla ħsara għal kull permess, awtorizzazzjoni, jew liċenza meħtieġa taħt xi liġi, ebda persuna ma tista' tesebixxi, twaħħal jew tqiegħed xi reklam fuq xi għamara tat-toroq fil-konfini tal-lokalità ta' Kirkop mingħajr l-awtorizzazzjoni bil-miktub tal-Kunsill.

3.2 Dik l-awtorizzazzjoni tista' tingħata jew wara applikazzjoni bil-miktub li ssir lill-Kunsill għalhekk, jew wara sejħa pubblika fejn il-Kunsill jistieden applikazzjonijiet:

Iżda din l-awtorizzazzjoni għandha titqies mhix valida jekk l-applikant jonqos milli jaderixxi mal-ħtiġiet li hemm stabbiliti fil-linji ta' gwida maħruġa jew li jistgħu jiġu maħruġa minn żmien għal żmien mill-Kunsill taħt il-paragrafu (g) tas-subartikolu (1) ta' l-artikolu 33 ta' l-Att:

Iżda wkoll dawn il-linji ta' gwida għandhom ikunu mdaħħla fil-kuntratt li għandu jirregola l-awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kunsill lill-kuntrattur skond is-subartikolu (3) ta' l-artikolu 3 ta' dawn il-*Bye-Laws*.

3.3 Meta l-Kunsill joħroġ sejħa pubblika, l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill għandha tkun bil-mezz ta' kuntratt skond ir-regolamenti u proċeduri applikabbli għal Kunsilli Lokali.

Dan il-kuntratt ikun validu għal perijodu ta' sena li jista' jiġi mġedded għal perijodu ta' sena oħra permezz ta' kuntratt. F'kull każ il-Kunsill jirriserva d-dritt li jirrifjuta li jġedded il-kuntratt.

3.4 Fil-għoti ta' kuntratt kif imsemmi fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 3 ta' dawn il-*Bye-Laws*, il-Kunsill jista' jawtorizza lill-kuntrattur

li juża l-ispazju fejn jistgħu jitwaħħlu reklami fuq għamara tat-toroq ukoll billi jbiegħ l-imsemmi spazju lil terzi persuni. F'dan il-każ, l-imsemmija terzi persuni ma jkunux jeħtieġu l-awtorizzazzjoni tal-Kunsill:

Iżda l-kuntrattur ma jistax juża jew ibiegħ l-ispazju għal xi reklami li jkunu projbiti bil-liġi jew bil-kuntratt.

3.5 Għal kull awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kunsill skond dawn il-*Bye-Laws* għandu jitħallas dritt skond kif indikat fl-Iskeda li tinsab ma' dawn il-*Bye-Laws*:

Iżda fil-każ ta' awtorizzazzjoni mogħtija mill-Kunsill wara sejħa pubblika, id-dritt li jitħallas lill-Kunsill ikun dak offrut fid-dokumenti ta' l-offerta milqugħa.

3.6 Dwar xi awtorizzazzjoni mogħtija, il-Kunsill jista' jitlob depożitu ta' flus bħala garanzija.

3.7 Minkejja kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt dawn il-*Bye-Laws,* il-persuna li lilha tingħata l-awtorizzazzjoni tkun personalment responsabbli għall-ksib ta' kull permess jew liċenza meħtieġa taħt kull liġi oħra.

3.8 Il-Kunsill jista' jagħti l-awtorizzazzjoni skond dawn il-*Bye-Laws* lill-għaqdiet volontarji li jiffunzjonaw mil-lokalità jew lill-organizzazzjonijiet li mhumiex tal-Gvern imniżżlin fit-Tmien Skeda li tinsab ma' l-Att, wara li dawn jagħmlu talba bil-miktub sabiex jirreklamaw attivitajiet jew appelli pubbliċi mingħajr ħlas.

3.9 Kull persuna li tesebixxi, twaħħal jew tqiegħed xi reklam fuq għamara tat-toroq fil-lokalità ta' Kirkop mingħajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kunsill, tkun ħatja ta' kontravvenzjoni.

3.10 Kull awtorizzazzjoni mogħtija taħt dawn il-*Bye-Laws* tkun fost kundizzjonijiet oħra soġġetta għal kundizzjoni li r-reklam għandu jitneħħa fi żmien ġimgħa minn meta jiskadi ż-żmien li għalih tkun ħarġet l-awtorizzazzjoni. Fin-nuqqas li dan jitħares, il-persuna responsabbli għat-tneħħija ta' dawk ir-reklami tkun ħatja ta' kontravvenzjoni.

3.11 Jekk fil-fehma tal-Kunsill, xi reklam ikun kontra l-liġi jew xi disposizzjoni tal-kuntratt kif indikat fis-subartikolu (4) ta' dan l-artikolu, dan għandu jitneħħa minnufih meta jiġi mitlub li jsir dan mill-Kunsill. Fin-nuqqas ta' dan, il-persuna responsabbli tkun ħatja ta' kontravvenzjoni.

3.12 Jekk, wara li jiġi mitlub biex jitneħħa reklam skond kif indikat fis-subartikoli (10) u (11) ta' dan l-artikolu, dan jibqa' ma jseħħx, il-Kunsill ikollu l-jedd li jneħħi hu stess ir-reklam għas-spejjeż tal-kuntrattur.

Penali.

4. Kull persuna li tikser xi waħda mid-disposizzjonijiet mogħtija taħt dawn il-*Bye-Laws* jew xi kundizzjoni ta' l-awtorizzazzjoni mogħtija bis-saħħa ta' dawn il-*Bye-Laws* tista', meta tinsab ħatja, teħel ammenda ta' ħamsa u għoxrin lira (Lm25) għal dik il-kontravvenzjoni, flimkien ma' ammenda oħra ta' ħames liri (Lm5) għal kull ġurnata li tkun kisret xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dawn il-*Bye-Laws* jew xi kondizzjoni ta' l-awtorizzazzjoni.

(Artikolu 3.5)

SKEDA

Drittijiet dovuti għal Reklamar fuq Għamara tat-Toroq

Qisien		**Dritt Dovut**	
	Ġimagħtejn	Xahar	Sena
sa 0.5 metru kwadru	Lm3	Lm5	Lm20
Sa 1.0 metru kwadru	Lm6	Lm10	Lm50
Sa 2.0 metri kwadri	Lm12	Lm20	Lm100

aktar minn 2.0 metri kwadri – Lm2 kuljum (sakemm dan ma jkunx anqas minn Lm50).